C/2024/874

6.2.2024

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Kunsiderazzjonijiet ta' ekwità u effiċjenza għat-trasport marittimu"

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(C/2024/874)

Relatur: **Panagiotis GKOFAS**

Korelatur: **Pierre Jean COULON**

Bażi legali	Artikolu 52(2) tar-Regoli ta' Proċedura
	Opinjoni fuq inizjattiva proprja
Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	25.1.2023
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Informazzjoni
Adozzjoni fis-sezzjoni	6.10.2023
Adozzjoni fil-plenarja	25.10.2023
Sessjoni plenarja Nru	582
Riżultat tal-votazzjoni	
(favur/kontra/astensjonijiet)	166/1/3

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. L-iżvilupp tat-trasport marittimu u fuq l-ilmijiet navigabbli interni għandu jitqies bħala prijorità ewlenija fir-rigward tal-mobbiltà u l-iffaċilitar tal-kummerċ, peress li dan se jgħin biex jintlaħqu l-objettivi ewlenin Ewropej ta' ekwità u effiċjenza, bħal dawk stabbiliti fl-aġenda tal-Patt Ekoloġika Ewropew u fl-aġenda Ewropea tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, fl-Istrateġija tal-OMI tal-2023 dwar it-Tnaqqis tal-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra mill-Vapuri u f'komunikazzjonijiet oħra tal-Kummissjoni Ewropea.

1.2. L-investimenti fl-infrastruttura marittima għandhom jiffukaw fuq sikurezza aħjar, trasport ekoloġiku u trasport orħos għall-pubbliku, għan-negozji, għall-vjaġġaturi u għat-turisti.

1.3. Huwa importanti li jiġi ffinanzjat investiment ġdid f'portijiet u ċentri reżiljenti biex jintlaħaq l-objettiv tat-trasport tal-merkanzija u attivitajiet kummerċjali aktar ekonomiċi u sostenibbli.

1.4. It-tranżizzjoni ekoloġika tas-settur marittimu trid tqis il-karatteristiċi speċifiċi għall-pajjiż, speċifiċi għas-settur u speċifiċi għall-impjieg sabiex jinżammu l-vantaġġi kompetittivi tal-Ewropa u jitnaqqsu d-distakki fit-tranżizzjoni, l-inugwaljanza u d-depopolazzjoni ta' xi reġjuni.

1.5. Ir-regolamenti dwar l-għajnuna mill-Istat għandhom jiġu riveduti bir-reqqa fir-rigward tal-produzzjoni ta' bastimenti għat-trasport bl-ilma Ewropew bl-għan li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-popolazzjoni u tiġi indirizzata l-mobilità tal-forza tax-xogħol f'żoni remoti u tiġi żgurata navigazzjoni sostenibbli u sikura u monitoraġġ kostali aħjar, aktar milli għall-fini ta' attivitajiet ta' tbaħħir profittabbli, li jistgħu jiġu żviluppati aktar permezz ta' strumenti tas-suq.

1.6. Ir-reviżjoni tal-qafas regolatorju għandha tiffoka fuq l-implimentazzjoni effettiva tar-regoli dwar it-tbaħħir ta' standard inferjuri u d-drittijiet tal-baħħara għal termini ugwali ta' impjieg. L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) għandha tingħata rwol istituzzjonali u tekniku akbar sabiex tkun tista' tgħin fl-implimentazzjoni ta' politika tat-trasport marittimu aġġornata u sostenibbli.

1.7. Huwa essenzjali li l-portijiet jiġu ddisinjati mill-ġdid u li jiġi aġġornat il-katast tal-baħar għat-trasport bl-ilma biex jitnaqqas l-impatt tat-tniġġis akustiku u tal-arja fuq iż-żoni urbani.

1.8. Sabiex jiġi implimentat mekkaniżmu ta' pprezzar effettiv u ġust, tip ta' "trasport ekwivalenti" jista' jitfassal u jiġi attivat bir-reqqa, speċjalment għall-pajjiżi tal-Baħar Mediterran, tal-Baħar Baltiku u tal-Baħar tat-Tramuntana bi ġejjer abitati żgħar u mifruxin u għal żoni tax-xmajjar mhux aċċessibbli tal-ilmijiet navigabbli interni/offshore. Dan jista' jinvolvi s-sussidjar ta' tariffi tat-trasport għall-professjonisti u għan-negozji li jaħdmu u joperaw madwar dawk iż-żoni, l-għoti ta' eżenzjonijiet permanenti mill-VAT jew mit-taxxa għat-trasport ta' oġġetti lokali jew it-tnaqqis tar-rati tal-enerġija.

1.9. Sabiex jintlaħaq l-għan li jitħaffef il-pass tal-elettrifikazzjoni tal-industrija tat-trasport marittimu, kif stabbilit fir-regolamenti tal-UE u l-aġenda marittima intelliġenti, jistgħu jiġu pprovduti inċentivi għall-produzzjoni u l-introduzzjoni ta' ċerti teknoloġiji diġitali u li jiffrankaw l-enerġija għas-settur tat-trasport marittimu.

1.10. L-effiċjenza allokattiva għandha tiġi segwita permezz ta' mekkaniżmi ta' pprezzar jew mekkaniżmi li jipprovdu inċentivi għan-negozji biex jittrasportaw oġġetti u servizzi minn jew lejn reġjuni ekstra-Ewropej imbiegħda, speċjalment għal dawk in-negozji li jimpjegaw persunal f'dawk iż-żoni.

1.11. Huwa essenzjali li l-ħaddiema b'livell għoli ta' ħiliet jiġu reklutati u jkunu parti minn settur modern tat-trasport marittimu. Il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-settur marittimu għandha tiġi promossa. Il-ħaddiema ġa preżenti għandhom jitħarrġu aktar fl-oqsma tat-turiżmu sostenibbli, l-ekonomija ekoloġika, l-użu effiċjenti tar-riżorsi u l-ġestjoni operattiva tal-kriżijiet għad-diżastri kemm naturali u kemm umani. L-istabbiliment ta' skejjel u universitajiet moderni u li jkunu mgħammra sew li jispeċjalizzaw fl-ekonomija marittima u l-ġestjoni tat-trasport bl-ilma jista' jipprovdi valur miżjud għaż-żoni kostali u l-ekonomiji li jiddependu fuq l-ekonomija blu.

1.12. Id-diġitalizzazzjoni tas-settur marittimu se tagħmilha possibbli li jittieħed approċċ aktar integrat u tittejjeb il-kwalità tas-servizzi kemm għat-turiżmu kif ukoll għall-industrija tad-divertiment tal-ilma.

2. **Introduzzjoni – Sfond**

2.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jisħaq li l-industrija tat-trasport marittimu hija settur speċifiku tas-suq, li jvarja minn trasport lokali permezz ta' bastimenti għall-bliet u l-arċipelagi tul ilmijiet navigabbli interni u rotot marittimi qosra, trasport għal vjaġġi twal permezz ta' bastimenti, bastimenti ta' tagħbija bl-ingrossa, u rotot tar-trasport tal-bastimenti tal-kontejners, kif ukoll bastimenti tal-kruċiera.

Din l-Opinjoni ma tindirizzax dawn is-setturi kollha iżda tiffoka fuq kunsiderazzjonijiet ta' ekwità u effiċjenza għat-trasport marittimu, prinċipalment fir-rigward tal-għan li jsir aktar faċli għall-membri tal-pubbliku, għat-turisti u għall-professjonisti biex jaċċessaw żoni remoti, filwaqt li tindirizza wkoll l-isfidi attwali li jfixklu l-implimentazzjoni effettiva tat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali fis-settur marittimu.

2.2. Il-kriżi tal-enerġija ħolqot diffikultajiet serji għall-industriji globali tat-trasport u tat-trasport marittimu, filwaqt li wasslet għal aktar ristrutturar fis-suq tal-fjuwil, fit-trasport taż-żejt u fl-ispejjeż tat-trasport. Is-settur tat-turiżmu huwa affettwat b'mod konsiderevoli mill-ispejjeż tal-enerġija u l-fluttwazzjonijiet fl-inflazzjoni u l-introjtu reali globali.

2.3. Skont id-data uffiċjali ([1]), aktar minn 80 % tal-volum tan-negozju globali u 70 % tal-valur jiġi ttrasportat permezz ta' bastimenti. Għalkemm l-impatt ambjentali tal-kummerċ marittimu huwa aktar baxx f'termini ta' unità (minħabba l-ekonomiji tal-qies) meta mqabbel ma' forom oħra ta' trasport, il-flotta Ewropea għadha teħtieġ aktar titjib teknoloġiku biex jintlaħqu l-objettivi klimatiċi tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, kif stabbiliti mill-Istrateġija tal-OMI tal-2023 dwar it-Tnaqqis tal-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra mill-Vapuri ([2]).

2.4. Wara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar NAIADES III ([3]) u l-pubblikazzjoni tal-Parlament Ewropew FuelEU Maritime ([4]), jidher li jeżisti kunsens bejn l-istituzzjonijiet u l-partijiet ikkonċernati fl-UE, li l-iżvilupp tat-trasport bl-ilma jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-istrateġija ta' dekarbonizzazzjoni tal-UE, li tista' tinkiseb permezz ta' innovazzjoni fit-trasport tal-ilma (flotot, portijiet, diġitalizzazzjoni) u bidliet modali.

2.5. It-tranżizzjoni ekoloġika ħolqot sfidi ġodda għall-proċess ta' aġġustament tal-iżvilupp marittimu għall-adozzjoni ta' ekosistema aktar blu u ekoloġika. L-investimenti mfassla għandhom iservu l-objettiv ta' tranżizzjoni blu effettiva u tkabbir blu fis-settur marittimu.

([1]) https://unctad.org/news/transport-newsletter-article-no-107-understanding-maritime-decarbonization
([2]) https://www.imo.org/en/MediaCentre/PressBriefings/pages/Revised-GHG-reduction-strategy-for-global-shipping-adopted-.aspx
([3]) ĠU C 275, 18.7.2022, p. 18
([4]) ĠU C 152, 6.4.2022, p. 145

2.6. Il-kontinent Ewropew għandu ambjent marittimu u pajsaġġ speċifiku ħafna. Il-pajsaġġ kostali tal-kontinent Ewropew huwa mistenni li jesperjenza bidliet u riskji konsiderevoli fil-futur qrib, fir-rigward tal-evoluzzjoni tal-kriżi klimatika u l-kundizzjonijiet tat-temp estremi.

2.7. Il-kontribut tat-trasport marittimu għall-ekonomija Ewropea huwa sinifikanti, għalkemm il-livell ta' attività ekonomika jista' jiġi estiż aktar u jinkludi aktar kooperazzjoni intersettorjali u interreġjonali. Il-pandemija u l-kriżijiet tal-enerġija wrew il-ħtieġa li jiġu żviluppati standards minimi biex jiġu żgurati biżżejjed materja prima u ikel essenzjali, skop strateġiku li jista' jiġi moqdi b'mod vijabbli permezz tal-iżvilupp ulterjuri tat-trasport marittimu u fuq l-ilmijiet navigabbli interni.

2.8. L-iżvilupp ta' industrija moderna tat-trasport bl-ilma b'implimentazzjoni gradwali u effettiva tal-miri tad-dekarbonizzazzjoni huwa vitali għat-tranżizzjoni tal-ekonomija Ewropea u għat-tneħħija tad-dipendenzi kritiċi fuq is-settur tal-enerġija. Madankollu, trid titqies il-kapaċità tal-operaturi li jissostitwixxu l-flotot tagħhom, speċjalment peress li l-investiment fis-settur huwa fit-tul.

2.9. Il-politika marittima Ewropea għandha tiffoka fuq l-għoti ta' għajnuna mill-Istat lill-portijiet reġjonali u l-infrastruttura marittima biex tippermetti ż-żieda fil-kapaċitajiet kummerċjali u t-tranżizzjoni ekoloġika tal-ekonomiji lokali u reġjonali.

2.10. Il-qafas regolatorju għall-ħaddiema tal-baħar u għall-baħħara għandu jiġi rieżaminat bir-reqqa biex tiġi żgurata l-konformità sħiħa tal-partijiet ikkonċernati involuti u l-attivitajiet intraprenditorjali mal-qafas Ewropew tad-drittijiet tal-bniedem, mar-rispett tal-liġijiet tax-xogħol u mat-tranżizzjoni ekoloġika.

2.11. Ir-reklutaġġ ta' aktar impjegati b'livell għoli ta' ħiliet fis-settur marittimu u s-servizzi tal-ilmijiet navigabbli interni jista' jservi l-iskop strateġiku tal-kwalità tas-servizzi u s-sikurezza tal-ivvjaġġar.

2.12. Il-politiki tat-trasport marittimu għandhom joħolqu l-kundizzjonijiet adegwati u jipprovdu inċentivi għall-SMEs u n-negozji agroalimentari biex ikunu jistgħu jnaqqsu l-ispejjeż tat-trasport u jtejbu l-prestazzjoni ekoloġika.

3. **Kummenti ġenerali**

3.1. *Inizjattivi ta' ekoloġizzazzjoni li se jippermettu tkabbir ibbilanċjat u b'valur miżjud kbir tal-ekonomija blu*

3.1.1. It-tnaqqis tat-tniġġis mit-trasport marittimu huwa objettiv ewlieni għall-aġenda Ewropea tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. L-investimenti fil-produzzjoni u t-tħaddim ta' bastimenti elettriċi u b'emissjonijiet baxxi, u l-użu ta' fjuwils ekoloġiċi, bħall-idroġenu u l-bijofjuwils, fl-ilmijiet Ewropej (xmajjar, ibħra, kanali, oċeani) huma essenzjali għall-bidla fundamentali.

3.1.2. L-Unjoni Ewropea għandha tagħti kontribut ewlieni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u l-miri tad-dekarbonizzazzjoni stabbiliti mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali ([5]) (OMI). Dan għandu jsir permezz ta' konsultazzjoni miftuħa u trasparenti għat-titjib tal-qafas regolatorju tal-OMI b'mod konsistenti u effettiv.

3.1.3. Ir-reżiljenza tal-infrastruttura pubblika, tal-marini u tal-portijiet hija objettiv ewlieni għall-Istrateġija ta' Żvilupp tal-Ewropa għall-2050. Dan ifisser li politika marittima Ewropea għandha tiffoka fuq l-infrastruttura tat-trasport, il-kapaċità u l-prestazzjoni tal-portijiet, it-traċċabilità u l-metodi kosteffettivi tal-produzzjoni domestika tat-trasport marittimu u tal-jottijiet. Għandu jitqies ir-riskju ta' dipendenza akbar fuq pajjiżi terzi.

3.1.4. It-trasport marittimu huwa l-aktar mod effiċjenti ta' trasport, li jirreġistra emissjonijiet aktar baxxi tal-karbonju meta mqabbel mat-trasport bit-triq u bl-ajru f'termini ta' emissjonijiet tas-CO_2 għal kull passiġġier jew tunnellata/kilometru, minħabba l-ekonomiji ta' skala u l-kapaċità massiva tat-trasport. Naturalment, il-qafas regolatorju tal-UE għandu jiffoka biex itejjeb aktar il-prestazzjoni ambjentali tas-settur. It-trasferiment tal-preferenzi tal-passiġġieri u tan-negozji lejn xejriet moderni ta' trasport intermodali li jinvolvu rotot marittimi u passaġġi fuq l-ilmijiet navigabbli interni se jikkontribwixxi għal aktar titjib fl-impronta ambjentali.

3.1.5. It-tniġġis akustiku u tal-arja kkawżat minn attivitajiet fil-portijiet marittimi ma jistax jiġi injorat, hekk kif dan jaffettwa kemm il-kwalità tal-ħajja tar-residenti lokali, u kif ukoll is-saħħa tal-ħaddiema u tal-abitanti ta' madwar il-portijiet. Dan jinvolvi spejjeż soċjoekonomiċi konsiderevoli u pożijiet finanzjarji żejda fuq is-sistemi tal-kura tas-saħħa. L-istess jgħodd għar-residenti taż-żoni interni tal-ilmijiet navigabbli interni. It-titjib tal-prestazzjoni tat-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni jimxi id f'id mal-iżvilupp soċjoekonomiku taż-żoni interni; madankollu, dan l-iżvilupp ma għandux isir a skapitu tal-kwalità tal-ħajja tar-residenti, minkejja li t-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni jiġġenera inqas ħsara mit-trasport bit-triq.

([5]) https://www.imo.org/en/OurWork/Environment/Pages/2023-IMO-Strategy-on-Reduction-of-GHG-Emissions-from-Ships.aspx

3.2. *It-tranżizzjoni diġitali għandha tkun konformi mal-opportunitajiet ta' investiment fis-settur marittimu*

3.2.1. Id-diġitalizzazzjoni u l-konnettività tal-portijiet u tal-bastimenti se jservu l-objettivi tal-produttività, is-sigurtà, il-monitoraġġ aħjar u l-indirizzar tar-reati ekonomiċi. Ir-reviżjonijiet li għaddejjin tad-Direttivi dwar il-kontroll tal-Istat tal-port u dwar il-kontroll tal-Istat tal-bandiera għandhom itejbu l-kapaċità tal-EMSA u tal-awtoritajiet nazzjonali biex jiżviluppaw l-għodda adegwati għat-twettiq tar-rwoli impenjattivi tagħhom.

3.2.2. L-adozzjoni ta' teknoloġiji aġġornati, l-implimentazzjoni tal-kunċett ta' port intelliġenti u sistemi loġistiċi kummerċjali ekoloġiċi (l-użu ta' dokumenti elettroniċi) se taċċellera l-livell tat-tranżazzjonijiet kummerċjali u tneħħi r-restrizzjonijiet legali u regolatorji.

3.2.3. It-tranżizzjoni diġitali għandha toffri kwalità ogħla ta' servizz, veloċità, trasparenza u disponibbiltà tal-portijiet u l-marini.

3.3. *Investimenti tas-settur pubbliku u privat*

3.3.1. L-investimenti fis-settur tat-trasport marittimu għandhom iqisu r-riskji u n-nuqqasijiet fil-ktajjen alimentari, fil-materja prima essenzjali u fil-provvisti teknoloġiċi u mediċi.

3.3.2. L-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa jiżviluppaw sinerġiji ta' investiment li jtejbu l-ktajjen tal-valur intermodali, inkluż it-trasport marittimu, u jtejbu l-portijiet, il-kwalità tal-flotot, l-aċċess ugwali tal-passiġġieri u tan-negozji ([6]).

3.3.3. Il-pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza jistgħu jiġu aġġustati aktar biex jinkludu investimenti sostenibbli fl-infrastruttura portwarja, it-trasportaturi tal-bastimenti elettrifikati u b'emissjonijiet baxxi, id-diġitalizzazzjoni tal-komoditajiet u t-trasport tal-passiġġieri.

3.3.4. L-iżvilupp gradwali ta' raggruppament marittimu tal-UE jista' jfisser opportunità kbira għall-industrija marittima kollha tal-UE. Billi tuża l-iskemi ta' finanzjament u l-inċentivi ta' investiment adegwati għall-kollaborazzjoni tar-raggruppamenti, tar-riċerka u tal-innovazzjoni, l-UE tista' tistabbilixxi l-elementi fundamentali għall-ħolqien ta' ambjent kompetittiv u reżiljenti għal settur marittimu sostenibbli u sikur, li jindirizza l-isfidi klimatiċi u tat-tranżizzjoni diġitali.

3.4. *L-Ekwivalenza tal-aċċess*

3.4.1. L-investimenti tas-settur pubbliku u privat għandhom ikunu diretti lejn it-tnaqqis tal-ispejjeż tat-trasport għall-abitanti, għat-turisti, għan-negozjanti u għall-professjonisti u għas-setturi tan-negozju relatati mas-settur marittimu madwar iż-żoni kontinentali ta' ħdejn il-baħar u l-gżejjer.

3.4.2. It-titjib tal-funzjonament effettiv tat-trasport marittimu huwa kruċjali għall-ekonomiji kollha, internazzjonalment u lokalment. Il-gżejjer żgħar fil-periferija Ewropea u l-istati li qed jiżviluppaw huma l-atturi l-aktar dipendenti fuq l-ekonomija marittima. L-ekonomiji u s-soċjetajiet vulnerabbli u mbiegħda/rurali jiddependu ħafna fuq in-networks tat-trasport marittimu għall-aċċess għas-swieq tax-xogħol u tal-komoditajiet. Dawn il-popolazzjonijiet huma pjuttost mgħobbija żżejjed bi spejjeż tat-trasport sproporzjonatament għoljin u konnettività baxxa, li tieħu ħafna ħin.

3.5. *L-ugwaljanza bejn il-ġeneri*

3.5.1. Il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol marittimu għadha rrappurtata li hija baxxa ħafna, għalkemm jeżistu opportunitajiet ġodda fil-qasam tal-monitoraġġ u tad-diġitalizzazzjoni biex tittejjeb din il-kundizzjoni.

3.5.2. L-industrija marittima għandha tibni wkoll il-ħiliet tan-nisa u tikseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Persunal b'ħiliet għoljin għandu jiġi inċentivat biex jaħdem fis-settur tat-trasport marittimu, billi ssir enfasi akbar fuq it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-settur, b'mod partikolari t-titjib tal-bilanċ bejn il-ħajja tal-familja u dik tax-xogħol, il-pagi u s-sigurtà tal-impjiegi. Il-ftehimiet internazzjonali u l-kooperazzjoni mal-aġenziji rilevanti tal-OMI u tan-NU jistgħu jipprovdu l-qafas regolatorju u istituzzjonali meħtieġ biex dawn l-inċentivi jaħdmu b'mod effettiv.

3.6. *L-armonizzazzjoni tal-proċessi*

3.6.1. Il-proċess ta' armonizzazzjoni/il-monitoraġġ elettroniku u l-immappjar diġitali tal-marini u tal-portijiet żgħar fil-pajjiżi Ewropej (id-disponibbiltà tas-siġġijiet, il-kost, id-disponibbiltà u l-kredenzjali tal-impjegati jew tal-kaptani professjonali) huma essenzjali għall-istandards għoljin ta' kwalità u sikurezza fit-turiżmu u l-kummerċ permezz tat-trasport bl-ilma.

([6]) ĠU C 374, 16.9.2021, p. 1

3.6.2. It-trasport marittimu huwa kkaratterizzat minn diversitajiet kbar fil-kwantità u l-kwalità tal-flotot kummerċjali u industrijali. It-turisti, il-professjonisti u l-abitanti jeħtiġilhom jiddependu fuq kundizzjonijiet aħjar u aktar sikuri għall-ivvjaġġar madwar l-Ewropa, kemm fuq l-art kif ukoll bil-baħar. Dan jirrikjedi aktar investimenti pubbliċi u privati fit-trasport sostenibbli bl-ilma, fl-infrastruttura, f'bastimenti ġodda u f'mezzi oħra ta' trasport bil-baħar, abbażi tal-kriterji tal-aġenda Ewropea tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u tat-tranżizzjoni ekoloġika.

3.6.3. L-istrateġija ta' ottimizzazzjoni tal-port u tal-marini tal-UE għandha tiffoka fuq il-ġestjoni aħjar tal-ħin tal-bastimenti u l-jottijiet waqt li jkunu qed joqorbu lejn stazzjon. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa pjan ta' nofs it-terminu biex tnaqqas l-ineffiċjenzi tal-ħin u timminimizza l-konsum żejjed tal-enerġija.

3.7. *Kummerċ*

3.7.1. B'mod ġenerali, il-politika kummerċjali Ewropea għandha tipprovdi inċentivi għat-tisħiħ tar-reżiljenza tas-settur tat-trasport marittimu, billi timminimizza r-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni u l-importazzjoni li jikkawżaw tfixkil fil-ktajjen tal-valur, speċjalment matul il-kriżijiet.

3.7.2. It-trasport marittimu huwa settur ċentrali għall-ġestjoni effettiva taċ-ċirkolazzjoni tal-prodotti u tal-materja prima madwar id-dinja. Wara xi snin ta' reċessjoni, minħabba l-kriżi pandemika u t-tnaqqis tal-bejgħ globali, l-industrija tat-trasport marittimu qed tgħaddi minn fażi ta' rkupru konsiderevoli.

3.7.3. Il-proċess ta' dekarbonizzazzjoni inevitabbilment se jixpruna l-fluttwazzjonijiet fil-prezzijiet globali tal-materja prima, tal-enerġija u tal-komoditajiet, li l-maġġoranza tagħhom jiġu ttrasportati permezz ta' bastimenti. Il-politiki tal-UE għandhom jiffukaw fuq l-impatt inflazzjonarju ta' dan b'mod partikolari fuq gruppi soċjali u ħaddiema b'introjtu aktar baxx.

3.7.4. Id-diġitalizzazzjoni bidlet il-kummerċ u t-trasport matul u wara l-perjodu tal-pandemija. Iż-żieda fil-volum tal-kummerċ elettroniku u tal-bejgħ biddlet l-istruttura tal-kummerċ globali.

3.7.5. It-trasport marittimu u l-kummerċ joperaw f'livelli subottimali ta' trasparenza tal-prezzijiet; il-partijiet interessati m'għandhomx biżżejjed informazzjoni dwar l-ispejjeż totali fir-rigward ta' tariffi, kummissjonijiet, jew ħlasijiet oħra, u b'hekk ifixklu l-vantaġġi tal-kompetittività li jista' joffri s-settur marittimu.

3.7.6. Is-settur tat-trasport marittimu huwa sensittiv ħafna għall-fluttwazzjonijiet fil-prezzijiet globali u għar-riskji ġeopolitiċi jew għat-tensjonijiet kummerċjali.

3.7.7. Il-ftehimiet kummerċjali konklużi mill-Unjoni Ewropea ma' pajjiżi terzi fil-futur għandhom jitqiesu bħala vetturi għall-progress ambjentali u soċjali u l-objettivi tas-sikurezza marittima tal-UE.

4. **Kummenti speċjali**

4.1. L-awtoritajiet baġitarji Ewropej għandhom jiffukaw fuq il-ħolqien ta' proġetti pilota fit-trasport marittimu u fl-ilmijiet navigabbli interni, bħala parti minn approċċ komprensiv u sostenibbli li jinvolvi t-trasport intermodali, li se jgħaqqad il-ħtiġijiet reġjonali u periferali, it-tranżizzjoni ekoloġika u l-approvazzjoni tal-innovazzjoni diġitali fis-settur.

4.2. Fir-rigward tat-tħejjija tal-popolazzjoni lokali, it-taħriġ marittimu u l-edukazzjoni dwar in-navigazzjoni, il-ġestjoni tal-kriżijiet/diżastri fuq l-ilmijiet, l-għawm, l-ewwel għajnuna fuq il-baħar eċċ. għandhom jitqiesu bħala prijorità ewlenija għall-popolazzjoni Ewropea, speċjalment għal dawk li jgħixu fiż-żoni kostali. Tista' tiġi applikata kwota ta' parteċipazzjoni f'pożizzjonijiet ta' ħiliet għolja fl-industrija tat-trasport marittimu biex tiżdied l-inklużjoni ta' aktar nisa fis-settur.

4.3. Il-KESE jemmen li l-evoluzzjoni tat-teknoloġija li rriżultat minn din l-ekoloġizzazzjoni għandha twassal għal ħolqien ta' impjiegi fis-settur tat-trasport marittimu, u tbiddel il-perċezzjonijiet tiegħu b'tali mod li l-impjiegi tradizzjonali fuq il-baħar jiġu sostitwiti b'impjiegi b'valur miżjud għoli fuq l-art, li b'hekk jippermetti li jiġu reklutati aktar nisa. Id-diġitalizzazzjoni tal-flotot, l-istandardizzazzjoni tal-kostruzzjoni tat-trasport marittimu u li l-ambjent fiżiku tal-bastimenti jsir aktar favorevoli għax-xogħol jistgħu jagħmlu s-settur marittimu aktar adattat għall-impjegati nisa.

4.4. Baħħara kwalifikati sew huma essenzjali biex jiġi żgurat li n-navigazzjoni tkun sikura u li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent. Is-sostenibbiltà ta' dan is-settur dinamiku tiddependi mill-kapaċità li jkompli jattira għadd suffiċjenti ta' ħaddiema ġodda ta' livell għoli u li jżomm baħħara b'esperjenza, inklużi baħħara nisa u gruppi sottorappreżentati.

4.5. L-attivitajiet ta' tiswija għad-dgħajjes/bastimenti tradizzjonali (żjarat turitiċi, destinazzjonijiet qosra, divertiment) jistgħu jiġu inċentivati permezz ta' mekkaniżmi tat-taxxa jew ta' investiment bi kriterji ta' ekoloġizzazzjoni, ta' sikurezza u ta' impjieg, biex tiġi żgurata ż-żamma tal-ħiliet u l-impronta tradizzjonali f'ċerti oqsma.

4.6. Ir-rwol tal-imsieħba soċjali huwa fundamentali biex jiġi żgurat li t-tranżizzjoni ekoloġika fit-trasport bl-ilma tkun funzjonali, u l-ftehimiet kollettivi jistgħu jiġu aġġustati f'dan l-ambjent modern, mingħajr ma jinħoloq theddid għad-drittijiet tal-impjiegi, it-tranżizzjoni ekoloġika u l-vantaġġi tal-kompetittività tal-Istati Membri. Lejn din id-direzzjoni, il-mekkaniżmi ta' kontroll jistgħu jiġu applikati permezz tal-monitoraġġ f'ħin reali tal-għadd ta' persunal impjegat fil-bastimenti u r-reġistru tal-ħaddiema tal-baħar.

4.7. Ir-reviżjoni tal-qafas regolatorju tal-UE għall-kontroll tal-Istat tal-bandiera u tal-Istat tal-port hija mistennija li tagħmel il-mekkaniżmi ta' spezzjoni aktar effiċjenti, iżda huwa essenzjali li jiġi żgurat ukoll li l-ekwipaġġ u persunal ieħor, irrispettivament min-nazzjonalità jew il-post ta' residenza tagħhom, li jkunu qed jaħdmu fis-settur marittimu jew fuq bastimenti li joperaw regolarment bejn il-portijiet tal-UE – irrispettivament mill-Istat tal-bandiera tagħhom – igawdu minn termini ugwali ta' impjieg u kundizzjonijiet tax-xogħol.

Brussell, il-25 ta' Ottubru 2023.

Oliver RÖPKE

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew